MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1/2011

**Decizjoni Numru: 14/2010**

**Ivan Hallett**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (l-Awtorita` Kompetenti)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-21 ta' Dicembru 2010 il-Bord tal-Appell Dwar l-Eko-Kontribuzzjoni ppronunza s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Bord:*

*1. Ra l-istima bid-data tal-25 ta' Gunju 2010 (mehmuza fol.1) li harget l-Awtorita` Kompetenti kontra l-Appellant*

*ghall-hlas ta' €88,759.44. Dan l-ammont jirrapprezenta stima ta' €80,690.4 Eko-Kontirbuzzjoni u €8,069.04 penali (Low declaration levy) ghal perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008. Ma' din l-istima l-Awtorita` hemzet ukoll ittra li tispjega taht liema artiklu tal-Att tal-Eko-Kontribuzzjoni kienet qed tohrog din l-istima, kif ukoll kienet qed tinforma lill-Appellant biex jekk ma kienx jaqbel ma' din l-istima, seta' jappella mal-Bord tal-Appelli tal-Eko-Kontribuzzjoni fi zmien 30 jum mid-data ta' meta tigi servuta l-istima.*

*2. Ra l-appellipprezentat mil-Appellant Ivan Hallett lill-Bord tal-Appelli fid-9 ta' Awwissu 2010 (fol. 2) kontra din l-istima. Fis-sottomissjoni li ghamel l-Appellant dan talab lill-Awtorita` Kompetenti biex thassar dawn l-ammonti ghax il-basktijiet li kienu r-raguni ghax harget l-istima kienu gew irritornati kollha lura.*

*3. Ra r-risposta tal-Awtorita` tat-13 ta' Awwissu 2010 (fol. 6) ghal dan l-appell fejn l-Awtorita` qed tiddikkjara li l-appell gie ntavolat fid-9 ta' Awwissu 2010 fil-waqt li l-Appellant kien ircieva l-istejjem fl-1 ta' Lulju 2010. B'hekk l-Awtorita` qed tikkontendi li l-appell huwa tardiv ghax sar wara li ghaddew it-tletin jum imsemmija fl-artiklu 20(2) tal-Att. Ghaldaqstant l-Awtorita` qed titlob li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.*

*4. Mexxa t-trattazzjonI bejn il-partijiet fis-seduta tat-11 ta' Ottubru 2010.*

*4.1 Waqt is-seduta Dr. Sladden, li kien qed jassisti lill-appellant, stqarr li hu ma kienx qed jikkontesta l-fatt li l-appell kien gie ntavolat tard. Huma kienu izda qed jikkontendu li dan gara minhabba c-cirkostanzi. Hu spjega li l-Appellant kien jahdem bhala xufier barra minn Malta u bejn il-perjodu 28 ta' Gunju 2010 u l-20 ta' Lulju 2010 is-sur Hallett kien imsiefer u bhala evidenza ntavola certifikat mahrug minghand Sullivan Maritime Ltd. (fol. 9c). Dan ic-certifikat jghid li l-appellant kien qed jivvjagga kontinwament bejn Malta u pajjiz iehor fuq xoghol taghhom fid-dati msemmija. Huwa qal ukoll li l-istima kien ircevija u ffirma ghaliha missier l-appellant, u li dan*

*ghandu problemi ta' sahha mentali. Dr. Sladden zied li l-appellant kien induna bl-ittra tal-istejjem xi jumejn qabel id-9 ta' Awwissu 2010. Dr. Sladden ikkontenda wkoll li ricentament kienu saru emendi fil-Kodici Civili biex inaqqsu l-interpretazzjoni rigida fir-rigward ta' certi formalitajiet.*

*4.2 L-Appellant min-naha tieghu stqarr li qabel, hu kien jiehu hsieb kollox rigward il-korrespondenza relata mal-VAT u l-Eko-kontribuzzjoni, izda issa kien qabbad accountant. Dr. Sladden qal li kieku l-appellant kien notifikat bl-istima fl-20 ta' Lulju 2010, meta huwa kien jistab hawn Malta, jifhimha li ma jkunx skuzat izda f'dan il-kaz ihoss li l-appellant ghandu skuza ragonevoli.*

*4.3 Ir-rapprezentant tal-Awtorita` qal li l-appellant ma kienx qed igib provi bizzejjed li l-istima ma tqassmitx lilu. Huwa kompla jghid li s-sur Hallett ma kienx kontinwament barra minn Malta u gibed l-attenzjoni tal-Bord ghall-fatt li l-indirizz tan-negozju fejn twasslet l-istima huwa l-istess wiehed tar-residenza tieghu.*

*Is-Sur Sultana kompla li kienet saret "forced registration" ghal Eko-Kontribuzzjoni fuq is-Sur Hallett wara "spot check inspection" minn ufficjali tal-Awtorita` meta kien wasal Malta bil-Catamaran u nstab li kellu xoghol li jattira l-Eko-Kontribuzzjoni.*

*4.4 Waqt it-trattazzjoni l-Bord ghamel l-osservazzjoni li, mistoqsi mill-Bord kif kienet ir-rutina tax-xoghol tieghu, l-appellant qal li huwa jitlaq minn Malta nhar ta' Tnejn u jkun lura Malta darba fil-gimgha. Ghalhekk il-Bord kien jifhem li bniedem li kellu xi tip ta' negozju bi dmirijiet lejn id-Dipartiment tal-VAT, f'kazi bhal dawn kien jistenna li meta jasal id-dar jiccekkja x'posta jkun ircieva. Hawnhekk is-Sur Hallett qal li kien jistenna li tad-dar jghaddulu l-korrispondenza.*

*5. Ra s-sottmissjoni guramentata (affidavit) intavolata mill-Appellant fit-18 ta' Ottubru 2010. F'din is-sottomissjoni l-appellant ikkonferma:*

- *Li hu kien jahdem bhala xufier ta' trailers u trakkijiet bejn Sqallija u Malta u li kien iqatta' kwazi gimgha shiha barra min Malta.*

- *Li missieru kellu dizabilita` u li kien taht kura psikjatrika u kemm-il darba kien gie rekoverat fil-Psychiatric Unit.*

- *Meta l-ittra tad-Dirpartiment tal-VAT waslet id-dar, kien iffirma ghaliha missieru.*

- *Li missieru qatt ma kien ghaddielu din l-ittra u kien sabha b'kumbinazzjoni ghax missieru ma kienx hallielu l-ittra fejn is-soltu kien ihallihomlu, jigifieri fuq il-bank tat-television fil-kcina. Kif sabha mil-ewwel ipprezenta l-appell.*

- *Li jhoss li minhabba zball genwin ta' missieru li huwa marid, m'ghandux ibati l-konsegwenzi ghax din tkun ingustizzja.*

*6. Ra s-sottomissjoni tal-Awtorita` Kompetenti (fol.12) intavolata fit-2 ta' Novembru 2010 b'risposta ghas-sottomissjoni tal-Appellant. Il-Kummissarju qed jikkwota:*

*a) kaz Nru128 tal-Qorti tal-Appell (Income Tax) deciz fit-18 ta' Marzu 1987 fejn il-Qorti ddikkjarat li l-anqas f'kaz pjetuz ma jistghu jittawlu t-tletin jum li fihom wiehed jista' jappella.*

*b) kaz numru 156/09 tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Alexander Caruana vs il-Kummissarju tal-VAT bid-data tal-25 ta' Gunju 2010 fejn il-Qorti ddikkjarat li avolja l-iben l-appellant kien marid, il-Qorti ma tat ebda deroga ghat-tletin jum li fih seta' jappella.*

*7. Ra r-risposta tal-appellant intavolata fil-11 ta' Novemberu 2010 (Fol.14) fejn issottometta:*

*7.1 Li c-cirkonstanzi straordinarji u umanitarji li gew spjegati u kkonfermati b'affidavit mill-appellant ghandhom iwasslu l-Bord biex jaccetta l-appell.*

*7.2 Li l-formalizmi zejda ixekklu d-dritt ghal smigh xieraq meta gew ippruvati cirkostanzi straordinarji.*

*7.3 Li r-rigorosita` procedurali tista' tostakola li ssir gustizzja u fil-fatt kienu dahlu anki emendi bl-Att XXIV tal-1995 ghall-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili biex jitnaqqas il-formalizmu zejjed. L-appellant ikkwota diversi kazijiet tal-Qorti tal-Appell biex issahhah l-argumenti tieghu.*

*7.4 Li ghalhekk fl-isfond tal-ispirtu tal-ligi u minhabba r-raggunijiet serji u umanitarji li minhabba fihom kien impossibbli li jipprezenta l-appell fiz-zmien stipulat mil-ligi ghax l-appellant ma kienx notifikat personalment hu izda in-notifika mghoddija lil missieru li m'ghaddilux l-istess notifika, ghandu jigi accettat l-appell.*

*8. Ra r-risposta tal-Awtorita` li waslet ghad il-Bord fis-17 ta' Novembru 2010 (fol.16) ghas-sottomissjoni tal-appellant liema risposta tiddikkjara:*

*8.1 Li subartikolu 20 (1) tal-Kap.473 jobbliga li l-appellant jipprezenta fir-registru tal-Bord tal-Appell ir-rikors tieghu fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika tal-istima.*

*8.2 Li dan il-limitu ta' zmien huwa perentorju u ghalhekk ma jistax jittawwal*

*8.3 Li l-Qorti tal-Appell f'diversi kazi dejjem insistiet li l-kwistjoni tat-tardivita' hija wahda mill-elementi li huma ta' ordini pubbliku, jigifieri ma jistax jittawwal mil-limitu preskritt.*

*8.4 Li l-appellant, jekk kien konxju li kien hemm xi ostaklu ghall-prezentazzjoni missu ha hsieb illi jhalli f'idejn persuna li seta' jafda.*

*8.5 Li kif huwa miktub is-subartiklu 20 (2) Kap 473, il-kliem tal-Att ma jaghti ebda fakulta` ghal diskrezzjoni amministrattiva la mill-Bord u lanqas mill-Qorti.*

*8.6 Li ghaldaqstant il-Bord ghandu jichad dan l-appell billi r-rikors kien intavolat tard u ma hemm ebda fakolta` illi l-Bord itawwal iz-zmien perentorju legislat.*

*9. Ra l-kontra-risposta tal-appellant intavolata fis-7 ta' Dicembru 2010 (Fol.18) fejn I-appellant rega' tenna li hu jikkontendi li n-notifika tal-istima ghandha tkun meqjusa bhala invalida ghax:-*

- *fic-cirkostanzi n-notifika ghandha tittiehed li waslet ghand l-appellant meta "hu sab l-ittra mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u mhux meta l-ittra thalliet id-dar".*

- *Li din "in-notifika kif qed jissottometti l-Kumissarju tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud mhiex valida."*

- *Li ghalhekk l-appellant "mhux qed jitlob li jittawwal iz-zmien li fih kellu jipprezenta I-appell tieghu."*

- *Li l-appellant jerga' jissottometti li l-appell dahal fiz-zmien stipulat tal-ligi, "jigifieri ftit jiem wara li sab l-ittra u ghalhekk fit-terminu li jibda jiddekorri minn meta r-rikorrent sab l-ittra."*

- *Gfialdaqstant l-esponent jerga' jitlob li tigi milqugfia t-talba tieghu li "jkun ddikjarat li n-notifika kif maghmula f'dan il-kaz mhiex wahda valida u skont il-ligi "u ghalhekk il-Bord ghandu jilqa' l-appell u jiprosegwi bl-appell billi jitresqu l-provi fuq il-mertu tal-kaz.*

*10. Il-Bord wara li qara u sema' dak kollu li nkiteb u ntqal miz-zewg partijiet specjalment fir-rigward tal-artikli 20 u 24 tal-Kap 473 ikkonkluda:*

*10.1 Li l-imsemmi artiklu 20 (2) jistipula li appell ghandu jasal fiz-zmien tletin jum minn meta persuna tkun innotifikati b'xi stima skont l-artiklu 13A. Il-Bord jifhem li b'dan l-artiklu l-ligi qed thalli f'idejn l-appellant jekk jappellax jew le, sakemm I-appell jidhol fir-registru tal-Bord fi zmien 30 jum.*

*10.2 Li l-avviz manrug mill-Awtorita` fit-28 ta' Gunju 2010 intbaghat lill-appellant bil-posta registrata skont l-artiklu 24(d) tal-istess Att fl-indirizz irregistrat mal-Awtorita` mill-appellant stess, u li dan l-indirizz huwa fejn jabita l-appellant mal-genituri tieghu.*

*10.3 Li dan l-avviz twassal f'dan l-indirizz fl-1 ta' Lulju 2010 skont l-"Advice of Receipt - Registered Mail" mehmuza mas-sottomissjoni tal-Awtorita` tat-13 ta' Awwissu 2010 (fol.6).*

*10.4 Li l-appell dahal fir-registru tal-Bord tal-Appell fid-9 ta' Awwissu 2010, jigifieri disat ijiem tard mit-tletin jum stipulati mil-ligi tal-Eko-Kontribuzzjoni.*

*10.5 Li skont decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, din il-Qorti zammet li t-terminu ta' 30 jum li fih appellant seta' jagnmel rikors quddiem il-Bord tal-appell koncernat ma setax jigi mtawwal tant l-ebda cirkostanza, l-anqas f'kaz pjetuz. Fid-decizjoni Numru 156/09 tal-kaz Alexander Caruana vs il-Kummissarju tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud id-datata 25 ta' Gunju 2010, il-Qorti kkonkludiet li l-istat ta' sahha ta' min jircievi n-notifika miex konsiderazzjoni relevanti meta si tratta dwar l-osservanza ta' termini imposti mil-ligijiet specjali, billi dawn it-termini huma ta' ordni pubbliku "u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula".*

*10.6 Il-Bord jinnota wkoll li ebda kaz minn dawk ikkwotati mill-appellant fis-sottomissjoni tieghu tal-11 ta' Novembru 2010 (fol.14) ma kien jittratta eccezzjoni ta' nullita` minhabba li appell kien sar wara li skada z-zmien ta' tletin jum fit-terminu tal-artiklu 20 (2) tal-Att.*

*10.7 Li l-appellant fit-trattazzjoni waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010 ammetta l-fatt li l-appell kien sar tard, izda pprova jiggustifika dan il-fatt minhabba, skont hu, cirkostanzi umanitarji.*

*11. Ghaldaqstant il-Bord qed jilqa' l-eccezzjoni ta' nullita` li ressqet l-Awtorita` Kompetenti u l-appell tas-Sur Ivan Hallett huwa kkonsidrat null peress li ma sarx fit-*

*terminu taz-zmien ta' tletin jum kif stipulat mill-artiklu 20 tal-Att tal-Eko-Kontribuzzjoni.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ivan Hallett (ID 388171 M) datat 14 ta' Jannar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tibghat l-atti lura lill Bord ta' l-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni halli l-kaz jigi deciz skond il-ligi jew li tigi mhassra l-istess decizjoni b'dan li jigi ddikjarat li l-appell li sar fid-9 ta' Awissu 2010 sar skond il-ligi.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tat-30 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valir Mizjud (l-Awtorita' Kompetenti) datata 28 ta' Jannar 2011 a fol 17 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Eko-Kontribuzzjoni hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-31 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Richard Sladden ghall-apellant u Dr. Carmelo Grima u Alfred Caruana Perit ghall-appellat. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Eko-Kontribuzzjoni fl-ismijiet premessi datata 21 ta' Dicembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravji tal-appellant mid-decizjoni appellata huma (a) n-notifika li saret kienet nulla u dan ghaliex meta saret l-appellant kien imsiefer u inghatat lil missier l-appellant li huwa persuna, li skond l-appellant, huwa affett minn

marda mentali, u dan baqa' ma nformax lill-appellant b'tali dokumenti u saret riferenza wkoll ghall-**artikolu 2 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea Numru 44/2001** (fol. 2 tal-appell); (b) id-decizjoni hija nulla ghaliex ma gewx decizi l-punti mqajjma mill-appellanti fosthom proprju l-invalidita' tan-notifika u dan jammonta ghall-applikazzjoni hazina tal-Ligi u saret riferenza ghas-sentenzi **"Dr. Graham Busuttul vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Frar 2008); **"Marie Louis Farrugia vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 24 ta' Frar 2003); **"Michael Gatt vs l-Awtorita' tal-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001); **"Anthony Scerri et vs Anthony Cutajar et"** (A.I.C. (PS) – 16 ta' Marzu 2005) li kollha provdew li l-gudikant ghandhu jokkupa ruhhu mis-sottomissjonijiet maghmula quddiemu mill-partijiet u jinvestihom, almenu f'dawk li huma l-punti saljenti ta' fatt u fid-dritt anke jekk mhux b'mod approfondiet, izda b'mod li jigu kkonsidratati, trattati sew u mhux biss imsemmija finalament ikun hemm decizjoni dwarhom; (c) id-decizjoni trid tkun motivata skond l-**artikolu 218 tal-Kap. 12** (**"Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa"** (A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004); **"Louis Pace vs Alfred Theuma"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Lulju 2003) – f'dan il-kaz ma hemmx lanqas il-"parte considerandi" ghaliex jidher li l-Bord lanqas biss ikkonsidra u wisq anqas iddecieda fuq l-eccezzjoni tal-invalidita' tan-notifika tal-istima fic-cirkostanzi tal-kaz odjern; (d) ma saritx riferenza ghax-xhieda u dokumenti sottomessi mill-appellant u dan almenu dwar il-fatt ta' min ircevieha l-istess ittra u li din effettivament ma waslitx ghand l-appellant u dan kif skond l-appellant l-Bord kellu jaghmel fuq l-iskorta tas-sentenza **"Albert Mizzi nomine vs Alfred Busietta"** (P.A. (C.A) – 15 ta' Mejju 1992); (e) ma sarx apprezzament sew tal-provi quddiem il-Bord ghaliex il-provi juru li n-notifika ma kinitx valida.

Illi jirrizulta li l-avviz mahrug mill-Awtorita' fit-28 ta' Gunju 2010 gie notifikat fl-indirizz irregistrat mill-appellanti mal-Awtorita` stess fl-1 ta' Lulju 2010, u dan gie moghti lil missier l-appellant Frank Hallett, li l-appellanti jsostni li kien isofri minn mard mentali tant li kien taht kura psikjatrika, u li gie allegat li ma ghaddiex tali inkartament

lill-appellant, tant li dan induna bihom biss xi jumejn qabel ma sar l-appell minnu fid-9 ta' Awissu 2010, u allura l-istess appellant qed isostni li n-notifika hija nulla u bla effett, u konsegwentement l-appell minnu mpostat ma huwiex tardiv.

Illi huwa f'dan l-isfond li dan l-appell ghandu jigi trattat u deciz, u fil-fatt huwa fuq dan li d-decizjoni tal-Bord qed tigi appellata, dejjem fil-parametri ta' dak li gie sottomess quddiem il-Bord u mbaghad quddiem din il-Qorti.

Illi fil-fatt il-lanjanza tal-appellant hija wahda semplici u din hija fis-sens li la darba tali notifika saret lill-missier l-appellant li huwa skond l-appellant affett minn mard mentali u la darba l-inkartament effettivament ma wasalx ghand l-appellant fit-terminu moghti skond l-**artikolu 20 tal-Kap. 473,** mela allura l-istess Bord kellu fl-ewwel lok jezamina l-istess, u jekk isib favur l-appellant jiddikjara tali notifika bhala nulla u bla effett, u konsegwentament jaccetta li l-appell sar tempestivament, haga li skond l-appellant l-Bord ma ghamilx, ghaliex kull ma ghamel kien biss li rrefera ghal dak li ssottomettew il-partijiet, izda meta gie biex jiddeciedi fuq dan il-punt imqajjem mill-appellant dwar l-invalidita' allegata tan-notifika tal-avviz, din skartaha ghal kollox billi rritjena li la darba n-notifika saret skond dak provdut fl-**artikolu 24 (d) tal-Kap. 473** u la darba jirrizulta li l-appell gie intavolat wara it-terminu ta' 30 gurnata stipulati fl-**artikolu 20 (2) tal-Kap. 473,** mela allura l-appell huwa *fuori termine* ghaliex tali terminu ta' appell huwa wiehed perentorju u ta' ordni pubbliku u ma jistax jigi eztiz ghall- ebda raguni, anke meta l-kaz ikun pjetuz u dan skond kif deciz fil-kawza fl-ismijiet **"Alexander Caruana vs Il-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud"** (A.C. – 25 ta' Gunju 2010) tant li dawn it-termini ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u dan lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjanti jew mibdula, u dan apparti li skond l-istess Bord l-appellanti ma indika l-ebda kaz fejn tali terminu gie estiz.

Illi din il-Qorti thoss li minn qari tal-istess atti u tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Bord) jidher car li l-istess Bord bl-ebda mod ma nvesta l-

aggravju u s-sottomissjoni tal-appellanti quddiemu u dan fis-sens li n-notifika li saret tal-imsemmi avviz hija nulla u bla effett, ghal diversi ragunijiet, saljenti fosthom li meta saret in-notifika huwa kien imsiefer, izda fuq kollox li tali notifika saret tramite missier l-appellant, li kien f'dak iz-zmien isofri minn mard mentali u allura ma kienx skond il-ligi, persuna li jista' jiehu notifika, u la darba jirrizulta li tali atti effettivament ma gewx moghdija jew waslu b'xi mod ghand l-appellant fit-terminu li taghtih il-ligi sabiex jipprezenta appell skond l-Att relattiv, mela allura tali notifika hija nulla u bla effett, u minn dan allura ssegwi li l-appell prezentat mill-appellanti ma kienx wiehed tardiv ghaliex effettivament tali avviz li sar appell minnu, qatt ma gie notifikat lill-appellant.

Illi dan huwa punt li fl-opinjoni ta' din il-Qorti kellu jigi investit mill-Bord ghaliex hawn qed tigi attakkata l-validita' tan-notifika stess tant li skond l-**artikolu 187 (1) tal-Kap. 12** notifika ma tistax tithalla *inter alia "f'idejn persuna li, minhabba mard tal-mohh, ma tistax taghti xhieda ta' dik in-notifika".*

Illi l-istess artikolu jipprovdi li *"Persuna titqies li hija kapaci li taghti dik ix-xhieda, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tigi attakkata bhala irregolari, ghal wahda minn dawk ir-ragunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun notifikata".*

Illi mela allura dak li kellu jaghmel il-Bord kien li jara jekk missier l-appellant kienx ibghati b'mard mentali tali kif propost mill-istess appellant, u dan billi jikkonsidra x-xhieda kollha quddiemu, fid-dawl tas-sottomissjonijiet u provi migjuba, u jezamina wkoll jekk effettivament hux minnu li l-inkartament ma wasalx ghand l-appellant fit-terminu moghti fl-appell, u jekk tali allegazzjonijiet jigu ppruvati kif sottomessi mill-appellant, mela allura jiddikjara tali notifika bhala nulla u bla effett ghaliex ma kienitx notifika skond il-ligi u senjatament mhux skond l-**artikolu 187 (1) tal-Kap. 12.** Jekk issib il-kuntrarju, jew li wahda mill-elementi hawn imsemmija ma gietx ippruvata mill-appellanti, mela jiddikjara li n-notifika tal-avviz saret skond

il-ligi, u allura t-terminu ta' l-appell ma giex osservat mill-appellanti.

Illi dan, il-Bord manifestament ma ghamlux ghaliex kull ma qal kien biss li t-terminu ta' appell ma jistax jigi estiz, meta fil-verita' b'dak sottomess quddiem il-Bord, u b'dak li din il-Qorti allura qed tghid f'din is-sentenza, tali terminu ma huwiex qed jigi b'xi mod estiz; dak li qed jinghad huwa li tali terminu jibda jghaddi mid-data ta' notifika valida skond il-ligi tal-Avviz, u allura kellu jigi ezaminat, ghaliex hekk kontestat mill-appellant, jekk fil-verita' l-allegazzjoni tal-appellant li saret notifika li hija nulla huwiex minnu, u nimxu minn hemm. Ovvjament jekk tali notifika hija invalida, jigi li t-terminu ta' appell ma kienx beda jghaddi mid-data indikata u dan ibiddel ix-xenarju kollu tal-pendenza u tal-eccezzjoni mqajjma mill-appellat, anke quddiem l-istess Bord. Dan ovvjament il-Bord mhux biss ma ghamlux, izda lanqas biss ikkonsidrah u ghalhek certament li taht dan il-binarju l-ewwel erba' aggravji tal-appellanti qed jigu milqugha fil-parametri limitati ta' dak hawn deciz minn din il-Qorti, u fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tannulla l-istess decizjoni tal-Bord, u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord sabiex dan il-punt u okkorendo l-mertu jigi deciz skond il-Ligi fid-dawl ta' din id-decizjoni.

Illi ghal kompletezza jinghad li d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Alexander Caruana vs Il-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud"** (A.C. – 25 ta' Gunju 2010) ma hija bl-ebda mod kontrastanti ma' dak hawn deciz ghaliex f'dik il-kawza l-Qorti sabet li kien immaterjali l-istat ta' sahha mentali ta' iben l-appellanti, u dan peress li rrizulta li f'dak il-kaz l-istejjem appellati kienu waslu ghand l-appellat fit-terminu li kien ghad-disposizzjoni tieghu sabiex jappella, haga li f'dan il-kaz ma tirrizultax ghaliex hawn l-appellant qed jallega li l-inkartament wasal ghandu wara li ghadda t-terminu ta' appell.
Illi dwar l-**artikolu 24 (d) tal-Kap. 473** jipprovdi kif ghandha ssir in-notifika tal-avviz u jidher li l-appellat qed jibbaza ruhhu fuq il-fatt li attwalment l-avviz thalla fl-indirizz indikat izda dan bl-ebda mod ma jista' jwassal

sabiex jelimina u jinjora l-lamentela tal-appellant skond il-principji generali tal-ligi, li effettivament tali notifika ma saritx lill persuna identifikata skond il-ligi. Fil-fatt tali disposizzjoni tirreferi ghan-notifika billi l-avviz jintbaghat *inter alia* bil-posta registrata indirizzata lill-persuna f'dak l-indirizz, izda trid issir tali prova, u din thalliet issir mill-Bord permezz tal-*pink card* fejn minn hemm jirrizulta li din inghatat lil missier l-appellant, u allura hawn iqum il-kwezit skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili jekk tali notifika hijiex kif saret valida jew le.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (l-Awtorita' Kompetenti) in kwantu nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Ivan Hallett datat 14 ta' Jannar 2011 biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li qed tirrevoka u tannulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Eko-Kontribuzzjoni datata 21 ta' Dicembru 2010 fl-ismijiet premessi "Ivan Hallett vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (L-Awtorita' Kompetenti) (Appell Numru 14/2010) b'dan li qed tibghat u tirrinvija l-atti kollha lill-istess Bord sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz, jiddeciedi l-kaz u okkorendo l-mertu skont il-ligi.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell riservati ghad-decizjoni finali fuq dan il-kaz.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------